MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 207/2002/1

**Korporazzjoni EneMalta.**

**-vs-**

**Alfred u Concetta, konjugi Gafa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-21 ta' Frar, 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri "in solidum" tal-Korporazzjoni attrici fis-somma totali ta' sebat elef, tliet mija w'erbghin liri Maltin u tlieta w'hamsin centezmi (Lm7340.53),

rapprezentanti, provvista ta' servizz ta' dawl u ilma, kwantu ghal disa' mija u sitta w'erbghin lira Maltija u sitta w'sittin centezmi (Lm946.66), servizz ipprovdut f'fond, 'Dolphin Flat 4', Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, skond il-meter numru 946511320, kwantu ghal mitejn u sitta w'tmenin liri Maltin u erbgha w'erbghin centezmu (Lm286.44), servizz ipprovdut f'fond, 'Dolphin Flat 3', Triq il-Mazzolla, San Pawl il-Bahar, skond il-meter numru 946403510, kwantu ghal sitt elef u mija w'seba' liri maltin u tlieta w'erbghin centezmi (Lm6107.43), servizz ipprovdut, f'fond ACTC Food Store, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, skond meter numru, 946420280, kif jirrizulta f'Dok Ene 1, Ene 2 u Ene 3 annessi.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jaddivjenu ghall-hlas ta' l-ammont hawn fuq indikati, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma totali ta' sebat elef, tliet mija w'erbghin liri Maltin u tlieta w'hamsin centezmi (Lm7340.53).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni attrici mahlufa minn Dr. Damien Degiorgio, I.D 103075(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fid-19 ta' Awissu, 2003 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut flimkien ma martu huwa debituri tal-Korporazzjoni attrici pero f'ammont ferm anqas minn dak indikat fic-citazzjoni.

2. Illi mill-fondi indikati fic-citazzjoni (cioe il-fondi li fihom allegatament gie provdut is-servizz li tieghu qed jintalab il-hlas) wiehed biss huwa propjeta tal-konvenut.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-22 ta’ Awissu, 2003 li permezz taghha eccepixxiet:

1. Illi sakemm l-ammont huwa gust hija m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti salv ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez.

2. Illi hija m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza stante li huwa zewgha l-konvenut l-iehor li ma jridx li jbiegh il-proprjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti sabiex jithallas l-ammont pretiz mill-korporazzjoni attrici.

3. Illi hija minghajr dawl ghal dawn l-ahhar sentejn proprjament ghax zewgha huwa r-registered consumer u meta marret l-Enemalta sabiex idawwar l-arlogg fuq isimha minn meta bdiet tirrisjedi waheda fid-dar fejn qeghda issa u cioe minn Settembru 1997 ‘l hawn, l-Enemalta qed tirrifjuta ghax trid li l-ewwel zewgha jhallas l-arretrati.

4. Illi hija marret biex thallas minn Settembru 1997 sal-lum izda l-Korporazzjoni attrici qed tirrifjuta ghax trid l-arretrati wkoll.

5. Illi l-kawza ta’ separazzjoni ghadha pendenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Illi hija m’ghandhiex tbati spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-konvenut ghall-ammont kif ridott.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ April, 2005 li permezz taghha ll-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidat.

Illi mill-atti processwali jidher car illi l-ammont mitlub mill-korporazzjoni attrici ma thallasx ghaliex il-konvenuti ghandhom proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejniethom u allura kien hemm disgwid dwar min kellu jhallas dan il-kont.

Fil-bidu tal-kawza l-konvenut ikkontesta l-ammont izda sussegwentement ammetta t-talba wara li saret riduzzjoni tat-talba. Minn naha taghha l-konvenuta ma kkontestatx it-talba izda sostniet li ma ghandhiex tbati spejjes ghaliex kien il-konvenut li ma accettax li tinbiegh il-proprjeta’ in kwistjoni biex ikun jista’ jithallas il-kont.

Mhux kompitu’ ta’ din il-Qorti biex tiddeciedi min ghandu jhallas il-kont bejn il-konvenuti ghaliex kull ma ghandha quddiemha hija talba ghall-hlas ghas-servizz ta’ l-ilma u elettriku li indubbjament huwa dovut mill-komunjoni ta’l-akkwisti vigenti bejn il-konvenuti, liema komunjoni ghadha ma gietx xolta. Hu principju assodat tal-Kodici Civili taghna illi kull dejn hu presunt li huwa tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju (artikolu 1321). Ma hux kompitu tall-Qorti tiddeciedi dwar min ghandu jhallas mill-konvenuti ghaliex mill-atti tal-kawza hu car li d-dejn hu a kariku tal-komunjoni u ghalhekk il-konvenuti ser jigu kkundannati jhallsu t-tnejn.

Ma hux car jekk ir-riduzzjoni fit-talba kienitx dovuta ghal xi

hlasijiet li saru fil-mori tal-kawza izda jidher li l-konvenut kellu ragun jikkontesta parti mit-talba ghaliex ma jidhirx li saru hlasijiet fil-mori tal-kawza u ghalhekk dan ser ikun rifless fil-kap ta’ l-ispejjes.

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi hlief ghal dak li ser jinghad, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tikkundannahom ihallsu lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ hamest elef, erba’ mija u disgha u tletin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm5439.63c); l-ispejjes jithallsu kwart mill-korporazzjoni attrici u tlett kwarti mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------